Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,630, 21 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 216 tal-2021

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499. 56.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "vettura ġdida bil-mutur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura ġdida bil-mutur" tfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, vettura bil-mutur li tkun għadha qatt ma ġiet irreġistrata fl-ebda pajjiż;".

Jemenda r-regolament 117 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 117 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Għal perjodu ta' ħdax-il sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għal perjodu ta' tlettax (13)-il sena";

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"L-obbligazzjoni tal-ħlas tad-dritt tad-dħul għandha tapplika b'effett retrospettiv mid-19 ta' Mejju tas-sena 2020."; u

(ċ) is-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Fl-aħħar tal-perjodu msemmi hawn fuq, l-Awtorità għandha, sitt (6) xhur qabel ma jintemm il-perjodu imsemmi fis-subregolament (1), tagħmel konsultazzjonijiet

Verżjoni Elettronika

mar-rappreżentanti tal-operaturi sabiex tiddetermina jekk id-dritt tad-dħul għandux jibqa japplika u sabiex tanalizza r-riperkussjonijiet potenzjali fuq it-tneħħija tad-dritt tad-dħul.".